Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/24*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 24 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru, 2014 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa għal raġunijiet ta' mard. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud għandha tiġi skużata.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Laqgħa Pubblika

Minuti tal-Laqgħa Pubblika qed jiġu annessi ma' dawn il-Minuti

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti 7-23

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 4. Budget 2015

Dan id-dokument kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill u ġie diskuss ukoll waqt il-laqgħa pubblika li nżammet aktar kmieni illum. Il-Kunsill reġa' iddiskuta l-Budget għas-sena 2015 li ġie approvat unanimament.

## 5. Business Plan 2015-2017

Dan id-dokument kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill u ġie diskuss ukoll waqt il-laqgħa pubblika li nżammet aktar kmieni illum. Il-Kunsill reġa' iddiskuta l-Business Plan għas-snin 2015/2017 li ġie approvat unanimament.

## 6. Attivitajiet fi żmien il-Milied

Il-Kunsill iddiskuta dwar il-preparamenti li qed isiru biex jiġu organizzati l-attivitajiet tal-Milied. Kif kien maqbul fl-aħħar laqgħat l-attivitajiet ser isiru fil-Museum u fis-sala tal-Knisja.

Dwar l-attivita li ser issir meta l-President ta' Malta l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca iżżur ir-raħal tagħna bħala parti mill-kampanja ta' ġbir ta' fondi b'risq il-Community Chest Fund is-Sindku ippropona sabiex isir ġbir ta' flus bieb bieb madwar ir-raħal mill-membri tal-Kunsill flimkien mal-Kumitat tal-Festa. Il-flus miġbura jiġu preżentati mis-Sindku lill-Presidenti ta' Malta waqt l-attivita tal-21 ta' Diċembru.

## 7. Korrispondenza

7.01 Memo 29/2014 – www.lc.gov.mt – Lista ta' pagamenti.

7.02 Memo 30/2014 – Spazji Pubbliċi – Żoni Miftuħa. Is-Sindku ippropona li nibgħatu informazzjoni dwar ix-xewqa tal-Kunsill sabiex ikun hawn spazju ta' rikreazzjoni fir-raħal tagħna fl-inħawi ta' Triq tal-Fanal, li jiġi n-naħa ta' wara tal-Knisja. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk is-Sindku se jimla l-formola li hemm ma' din il-Memo.

7.03 Joe Attard ta' Greenmt informa lill-Kunsill li qed jaqblu mal-emenda li għamel il-Kunsill dwar it-tiġdid tal-ftehim bejn iż-żewġ naħat. Aktar 'l quddiem għandu jiġi iffirmat il-ftehim.

## 8. Ħlas ta' Kontijiet

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-24 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 9. Materja oħra

9.01 L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Mario Mizzi informa lill-Kunsill dwar laqgħa oħra li kellhom. Il-Kunsill taż-Żgħażagħ kien qed jikkunsidra li japplika sabiex ikun NGO. Jekk jagħmel hekk dan il-Kunsill ma' jibqax jiffunzjona bħala Kumitat tal-Kunsill Lokali iżda ikollu l-istatut tiegħu u anke jieħu ħsieb li jkollu l-finanzi tiegħu. L-Ambaxxatur qal li huwa ser jerġa' ilaqqa' il-Kunsill taż-Żgħażagħ u jinfurmahom dwar dan. Huwa qabel mal-Kunsill Lokali li l-Kunsill taż-Żgħażagħ għandu jibqa jiffunzjona bħala Kumitat tal-Kunsill Lokali iżda deċiżjoni finali se tittieħed waqt il-laqgħa tagħhom. Is-Sindku issuġġerixxa ukoll sabiex il-Kunsill taż-Żgħażagħ joħroġ sejħa biex minn huwa interessat isir membru tal-Kumitat.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 30 ta' Jannar, 2015 fis-7.15p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |